


Rapport Annwali

2019



BERS

Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

Werrej

Kelmtejn qabel	2
Sommarju eżekuttiv	4
Detalji tal-istampa	7



Kelmtejn qabel



Christine Lagarde, President tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

Id-disa' Rapport Annwali jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2020. Filwaqt li dak il-perjodu jinkludi l-bidu minn kmieni tal-pandemija tal-koronavirus (COVID-19), il-konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-kriżi COVID-19 komplew jevolvu malajr fix-xhur ta' wara. Għal dik ir-raġuni, ir-Rapport Annwali ta' din is-sena jinkludi – eċċezzjonalment – il-valutazzjoni tar-riskji tal-BERS sa Ġunju 2020, sabiex jirrifletti r-riskji sistemiċi l-ġodda li ħarġu hekk kif l-ekonomija Ewropea ġarrbet dan ix-xokk makroekonomiku straordinarju.

Il-COVID-19 u l-miżuri ta' trażżin assoċjati taw lok għal kontrazzjoni ekonomika mingħajr preċedent fiż-żmien tal-paċi, li wassal għal inċertezza makroekonomika eċċezzjonali u mġiba ta' prekawzjoni. Il-gvernijiet, il-banek ċentrali u l-awtoritajiet ta' sorveljanza ħadu azzjoni deċiżiva u qawwija biex isaħħu d-dħul privat, iżommu

kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' appoġġ u jirfdu l-kunfidenza għaċ-ċittadini u l-impriżi biex jipprevjenu b'suċċess milli jseħħu x-xenarji makroekonomiċi aktar estremi. Madankollu, għalkemm is-sistema finanzjarja kienet aktar reżiljenti meta daħlet f'din il-kriżi milli kienet fl-2008 lejlet il-kriżi finanzjarja globali, it-tnaqqis qawwi li l-UE issa qed tiffaċċja inevitabilment amplifika r-riskji tal-istabbiltà finanzjarja f'diversi setturi u swieq differenti.

Il-BERS għalhekk irveda u aġġorna progressivament l-istima tar-riskju sistemiku tiegħu biex jagħti rendikont tal-ambjent tar-riskju ġdid li jirriżulta mill-COVID-19. Ġew identifikati erba' riskji ġodda: (i) inadempjenzi mifruxa fis-settur privat bħala riżultat ta' riċessjoni globali profonda; (ii) l-ambjent makroekonomiku ta' sfida għall-banek, l-assiguraturi u l-iskemi tal-pensjonijiet; (iii) it-tfaċċar mill-ġdid ta' riskju ta' finanzjament sovrani; u (iv) l-instabbiltà u l-irqajja' tal-illikwidità fis-swieq finanzjarji. Il-valutazzjoni tar-riskju tal-BERS tinkludi wkoll theddid li joriġina minn inċidenti ċibernetiċi fi ħdan is-sistema, tfixkil fl-infrastruttura finanzjarja kritika, u r-riskji ta' tibdil fil-klima u ta' tranżizzjoni, li kollha jibqgħu kritiċi għall-istabbiltà finanzjarja fit-tul.

B'risposta għal dawn il-kambjamenti fir-riskji, il-BERS daħal fi stat ta' "emerġenza" f'April u Mejju 2020, u żied il-frekwenza tal-laqqgħat ta' politika tiegħu. Matul dan il-perjodu, ħa numru ta' miżuri fir-rigward (i) tal-implikazzjonijiet għas-sistema finanzjarja ta' skemi ta' garanzija ta' self u miżuri fiskali oħra mmirati biex jipproteġu l-ekonomija reali, (ii) l-illikwidità tas-suq u l-implikazzjonijiet tagħha għall-manigġers tal-assi u l-assiguraturi, (iii) l-impatt tat-tnaqqis proċikliku tal-bonds fuq is-swieq u l-entitajiet fis-sistema finanzjarja, (iv) restrizzjonijiet mas-sistema kollha fuq pagamenti ta' dividendi, xiri lura ta' ishma u fhasijiet oħra, u (v) ir-riskji ta' likwidità li jirriżultaw minn sejħiet marġinali. Dawk il-miżuri huma deskritti fl-istqarrijiet għall-istampa maħruġa mill-Bord Ġenerali tal-BERS.¹

¹ Ara l-istqarrijiet għall-istampa tad-9 ta' April, l-14 ta' Mejju, t-8 ta' Ġunju u "Policy measures in response to the COVID-19 pandemic [Miżuri ta' politika b'rispons għall-pandemija COVID-19]".



Qabel il-bidu tal-pandemija COVID-19, il-BERS ħa diversi miżuri fl-2019 biex jiġu indirizzati r-riskji sistemiċi li jirriżultaw mis-swieq tal-propjetà immobbli. B'mod partikolari, ħareġ ħames twissijiet u sitt rakkomandazzjonijiet dwar vulnerabilitajiet tas-settur tal-propjetà immobbli residenzjali fuq medda medja ta' żmien għal 11 mill-ġurisdizzjonijiet membri tiegħu, kif ukoll emenda rakkomandazzjoni preċedenti dwar l-għeluq ta' lakuni fid-dejta tal-propjetà immobbli. Biex isaħħaħ il-qafas makroprudenzjali lil hinn mis-settur bankarju, il-BERS ipprova kontribut lill-Awtorità Ewropea tal-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għar-reviżjoni kontinwa tagħha tal-qafas prudenzjali għas-settur tal-assigurazzjoni u ppubblika wkoll rapport li eżamina l-mezzi kif tittaġġa l-proċikliċità tal-marġini u haircuts fis-swieq tad-derivati u tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli.

Il-BERS kompli wkoll jaġixxi bħala forum għall-iskambju ta' għarfien u l-aħjar prattiki, billi organizza diversi avvenimenti mmirati biex irawmu diskussjoni dwar is-suġġett tal-politika makroprudenzjali. Ir-raba' Konferenza Annwali tal-BERS saret f'Settembru 2019, bil-parteċipanti jqabblu l-esperjenzi tagħhom tal-politika makroprudenzjali, jiddiskutu r-rwol tal-banek mhux fis-sistema finanzjarja u fl-ekonomija usa', jiddibattu l-kwistjoni taċ-ċibersigurtà u l-implikazzjonijiet potenzjali tagħha għar-riskju sistemiku, u ħarsu lejn jekk ir-riformi regolatorji tas-sistema finanzjarja kinux tlestew.

Finalment, dan ir-rapport jiddeskrivi d-diversi bidliet fir-regolament li jistabbilixxi l-BERS² li daħal fis-seħħ fl-2019, inklużi bidliet fil-governanza tal-BERS u t-titjib tal-qafas tar-responsabbiltà tiegħu.

Numru ta' kollegi għeżież u stmati ħallew il-pożizzjonijiet tagħhom matul il-perjodu taħt reviżjoni, u nixtieq niringrazzjahom kollha għall-kontribuzzjonijiet siewja tagħhom. Nixtieq niringrazzja b'mod speċjali lill-predeċessur tiegħi, l-eks President tal-BĊE Mario Draghi, li ppresieda l-BERS għal tmien snin, sa l-aħħar ta' Ottubru 2019. Dan kien perjodu ta' sfida li matulu kellhom jiġu ttrattati l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja globali u l-kriżi tad-dejn sovrani tal-UE.

Nixtieq niringrazzja ukoll minn qalbi lil Mark Carney, eks Gvernatur tal-Bank of England, li l-mandat tiegħu bħala l-Ewwel Viċi President tal-BERS spiċċa meta r-Renju Unit irtira mill-Unjoni Ewropea, Isabel Schnabel, eks membru tal-Bord Ġenerali u l-Viċi President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv (ASC), u Philip Lane, eks Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Irlanda, għall-kontribuzzjonijiet sinifikanti tagħhom għall-ħidma tal-BERS.

Barra minn hekk, nixtieq nilqa' bil-qalb lil Stefan Ingves, Gvernatur ta' Sveriges Riksbank, bħala l-Ewwel Viċi President tal-BERS, Pablo Hernández de Cos, Gvernatur tal-Banco de España, bħala President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv (ATC), il-Professur Claudia Buch, bħala Viċi-President tal-ATC, il-Professur Richard Portes, bħala l-President tal-ASC, u l-Professur Loriana Pelizzon u l-Professur Javier Suárez bħala l-Viċi Presidenti tal-ASC.

Fl-aħħar, nixtieq nesprimi n-niket kbir tiegħi għall-mewt tal-Professur Alberto Giovannini li serva fl-ASC.

Christine Lagarde
President tal-BERS

² Ara r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).



Sommarju eżekuttiv

Il-perjodu taft reviżjoni, mill-bidu ta' April 2019 sal-aħħar ta' Marzu 2020, inkluda l-bidu tal-pandemija tal-koronavirus (COVID-19) fl-ewwel trimestru tal-2020. Il-pandemija wasslet għal xokk ekonomiku estrem li affettwa l-ekonomija dinjija u tal-UE u l-istabbiltà finanzjarja.

Wara l-bidu tal-pandemija COVID-19, korpi tal-UE, gvernijiet nazzjonali, banek ċentrali, u awtoritajiet ta' sorveljanza u riżoluzzjoni ħadu azzjoni bla preċedent biex jappoġġjaw lill-ekonomija. Il-Bord Ġenerali tal-BERS identifika u ħa miżuri f'ħames oqsma ta' prijorità: l-implikazzjonijiet fuq is-sistema finanzjarja ta' skemi ta' garanzija u miżuri fiskali oħra biex jiproteġu l-ekonomija reali; l-illikwidità tas-suq u l-implikazzjonijiet tagħha għall-manigġers tal-assi u l-assiguraturi; l-impatt tat-tnaqqis proċikliku tal-bonds fuq is-swieq u l-entitajiet fis-sistema finanzjarja; ir-restrizzjonijiet fuq is-sistema kollha fuq pagamenti ta' dividendi, ix-xiri lura ta' ishma u f'ħasijiet oħra; u r-riskji ta' likwidità li jirriżultaw minn sejħiet marġinali.³ Billi dawn il-miżuri ttieħdu f'Mejju 2020, li huwa barra l-perjodu ta' analiżi ta' dan ir-rapport, dawn ser jiġu deskritti fir-Rapport Annwali 2020.

F'Ġunju 2020 il-BERS irreveđa l-istima tar-riskju sistemiku tiegħu biex jagħti rendikont ta' żviluppi reċenti. Huwa kklassifika r-riskju ta' inadempjenzi mifruxa fl-ekonomija reali bħala riskju sistemiku serju għall-istabbiltà finanzjarja fl-UE (Riskju 1); ir-riskju li joriġina mill-ambjent makroekonomiku diffiċli għall-banek, l-assiguraturi u l-iskemi tal-pensjonijiet bħala riskju elevat għall-istabbiltà finanzjarja (Riskju 2); ir-riskju li jirriżulta mill-ħruġ mill-ġdid ta' riskju tal-finanzjament sovrani u t-tħassib dwar is-sostenibbiltà tad-dejn bħala elevat (Riskju 3); u r-riskju li joriġina mill-istabbiltà u r-qajja' tal-illikwidità fis-swieq finanzjarji bħala elevat (Riskju 4). Barra minn hekk, il-BERS ikkunsidra riskji operattivi, bħal dawk li jistgħu joriġinaw minn inċident ċibernetiku mas-sistema, bħala elevat (Riskju 5), filwaqt li evalwa li r-riskji sistemiċi marbuta ma' tfixkil immexxija mill-finanzi fl-infrastrutturi finanzjarji kritiċi (Riskju 6) u riskji marbuta mat-tibdil fil-klima għandhom ikunu mmoniterjati (Riskju 7).

Qabel ma bdiet il-pandemija COVID-19, il-BERS ħareġ ħames twissijiet u sitt rakkomandazzjonijiet dwar vulnerabilitajiet tas-settur tal-proprjetà immobbli residenzjali fuq terminu medju lil ministri kompetenti fi ħdax mill-ġurisdizzjonijiet membri tiegħu. Barra minn hekk, emenda wkoll rakkomandazzjoni preċedenti dwar l-għeluq tal-lakuni fid-dejta tal-proprjetà immobbli.

Il-BERS kompli jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tal-politika makroprudenzjali fl-Unjoni. Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi intensifikata l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri ospitanti u dawk ta' pajjiżhom f'sitwazzjonijiet fejn friegħi huma meqjusa importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-pajjiż li joperaw fihom, il-BERS ħareġ rakkomandazzjoni li tippromwovi l-iskambju ta' dejta fuq il-friegħi. Il-BERS ipprova wkoll opinjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Finlandja, waqt li nnota li kkunsidra estensjoni ta' miżura nazzjonali aktar stretta mill-Finlandja bħala meħtieġa għat-trattament effettiv tar-riskji sistemiċi u t-theddid li ġej mis-suq Finlandiż tad-djar. Il-BERS applika wkoll il-qafas ta' reċiproċità tiegħu u rakkomanda r-reċiproċità ta' miżuri ta' flessibbiltà nazzjonali għal skoperturi ta' proprjetà residenzjali fil-Belġju, l-Estonja u l-Pajjiżi I-Baxxi. B'mod iktar ġenerali, il-BERS kompli jissorvelja l-miżuri makroprudenzjali adottati fl-Unjoni u jiffaċilita skambju ta'

³ Ara "Policy measures in response to the COVID-19 pandemic" [Miżuri ta' politika b'rispons għall-pandemija COVID-19].



opinjonijiet fost il-membri tiegħu dwar dawn il-miżuri. Dawn il-miżuri huma deskritti f'aktar dettall fl-analiżi tal-politika makroprudenzjali tal-BERS fl-UE.⁴

Il-BERS ikkontribwixxa wkoll biex jiżgura r-reżiljenza tas-settur bankarju. Bħala parti minn dan, il-BERS ikkunsidra l-implikazzjonijiet makroprudenzjali ta' strumenti finanzjarji li huma mkejla bil-valur ġust u klassifikati bħala strumenti ta' Livell 2 jew Livell 3 għal skopijiet ta' kontabilità, u l-BERS ikkontribwixxa għat-test ta' stress mal-UE kollha tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE). Fir-rigward tal-assi ta' Livell 2 u Livell 3, il-BERS stabbilixxa l-konstatazzjonijiet tiegħu f'rapport li identifika tliet oqsma ewlenin fejn tali strumenti jistgħu jaffettwaw l-istabbiltà finanzjarja. Dawn jirrigwardaw (i) valutazzjoni mhux preċiża ta' strumenti tekniċi, (ii) volatilità u illikwidità possibbli fi żminijiet ta' stress, u (iii) rifless inadegwat ta' riskji sottostanti fil-qafas prudenzjali. Fir-rigward tal-ittestjar tal-istress, il-BERS ipprova xenarju makrofinanzjarju negattiv lill-ABE f'Jannar 2020. Billi rrifletta ż-żmien meta saret is-sottomissjoni tiegħu, ix-xenarju avvers kien ibbażat fuq ir-riskji ewlenin għall-istabbiltà finanzjarja identifikati mill-BERS qabel il-bidu tal-pandemija COVID-19. Peress li l-koronavirus beda jinfirx madwar l-Ewropa matul Frar u Marzu 2020, l-ABE ppospona t-test tal-istress sal-2021.

Il-BERS kompla jaħdem fuq it-titjib tal-għodda makroprudenzjali lil hinn mis-settur bankarju. B'mod partikolari, il-BERS ikkunsidra għażliet ta' politika biex itaffu l-proċikliċità tal-marġini u l-haircuts fi swieq tad-derivati u tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli; modi biex jissaħħu l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali (CCP); modi kif isaħħu l-aspetti makroprudenzjali tar-regoli tas-Solvenza II għall-assiguraturi; u modi kif tissaħħaħ id-Direttiva dwar il-Maniġers tal-Fondi tal-investment Alternattivi (AIFMD)⁵. F'rapport ippubblikat f'Jannar 2020, il-BERS stabbilixxa għażliet ta' politika biex itaffu l-proċikliċità tal-marġini u tal-haircuts fis-swieq tad-derivati u tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli. Fir-rigward tas-CCPs, il-BERS ikkollabora mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) biex tipprepara għal kompiti ġodda li jirriżultaw mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Infrastruttura tas-Suq Ewropew rivedut (EMIR Refit u EMIR 2.2). Wara r-rapport li ġie ppubblikat f'Jannar 2019, il-BERS kompla wkoll jaħdem mal-koleġiżlaturi dwar id-dossier ta' rkupru u riżoluzzjoni tas-CCP. Fir-rigward tas-settur tal-assigurazzjoni, il-BERS ippreżenta tweġiba għal konsultazzjoni lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) dwar ir-reviżjoni tas-Solvenza II. Saħaq li hemm bżonn li jiġi stabbilit qafas armonizzat ta' rkupru u riżoluzzjoni madwar l-Unjoni Ewropea u li tkompli tiżgura li r-riskji jiġu maqbuda kif suppost taħt is-Solvenza II. Inkluż ukoll proposti għal għodod makroprudenzjali li jkopru l-kapital, il-likwidità u aspetti transsettorjali stabbiliti f'rapport ippubblikat fi Frar 2020. Fir-rigward tal-fondi ta' investment, il-BERS bagħat ittra lill-Kummissjoni Ewropea, fejn indika oqsma li fihom l-AIFMD għandu jissaħħaħ.

Bħala parti mill-obbligi ta' responsabbiltà u rapportar tal-BERS, il-President tal-BERS attendiet seduti quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew (ECON). Waqt dawn is-seduti, il-President ipprovdiet lill-Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs) b'informazzjoni minn ras il-għajn dwar il-ħsieb għal inizjattivi ta' politika li kienu ġew adottati mill-

⁴ Ara [A Review of Macroprudential Policy in the EU in 2019 \(Analiżi tal-Politika Makroprudenzjali fl-UE\)](#), BERS, April 2020.

⁵ [Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti \(KE\) Nru 1060/2009 u \(UE\) Nru 1095/2010](#) (ĠU L 174, 1.7.2011, p.1).



BERS matul is-sena. Il-BERS ħa nota wkoll tal-bidliet li jirriżultaw mir-Regolament rivedut tal-BERS, inklużi bidliet fil-governanza tiegħu u titjib fil-qafas tar-responsabbiltà tiegħu.

Il-BERS kompli jorganizza numru ta' avvenimenti biex jinvolvi lill-partijiet interessati f'diskussjonijiet dwar il-politika makroprudenzjali. B'halo parti mill-mandat tiegħu, il-BERS kellu l-laqqgħa annwali tiegħu mal-Kumitat ta' Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar u l-awdituri statutorji tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali sistematikament importanti bbażati fl-UE (G-SIFIs). Il-laqqgħa, li hija maħsuba biex tgħarraf lill-BERS dwar żviluppi settorjali jew kwalunkwe żvilupp sinifikanti f'G-SIFIs, iffokat fuq l-implimentazzjoni tal-IFRS 9, il-valutazzjoni ta' strumenti finanzjarji kumplessi; xogħol ta' tnejn għall-IFRS 17, l-ambjent makroekonomiku Ewropew, il-ħasil tal-flus u l-frodi, u kwistjonijiet ta' verifika ewlenin. Il-BERS kellu wkoll ir-raba' Konferenza Annwali tiegħu. Il-parteċipanti fil-konferenza skambjaw esperjenzi ta' politiki makroprudenzjali tagħhom u ddiskutew ir-rwol ta' dawk li mhumiex banek fl-ekonomija u s-sistema finanzjarja, iċ-ċibersigurtà u l-implikazzjonijiet potenzjali tagħha għar-riskju sistemiku, u jekk ir-riformi regolatorji tas-sistema finanzjarja kinux tlestew.



Dettalji tal-istampa

© Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, 2020

Indirizz postali 60640 Frankfurt am Main, il-Ġermanja
Telefown +49 69 1344 0
Sit elettroniku www.esrb.europa.eu

Id-drittijiet kollha miżmumin. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.

Id-data tal-għeluq għad-dejta inkluża f'dan ir-rapport kienet il-31 Marzu 2020.

Għat-terminoloġija speċifika, jekk jogħġbok irreferi għall-[glossarju MSU](#) (disponibbli bl-Ingliż biss).

ISSN 1977-5601 (pdf)
ISBN 978-92-9472-161-7 (pdf)
DOI 10.2849/0486 (pdf)
Nru tal-katalgu tal-UE DT-AB-20-001-MT-N (pdf)